**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 14/16(21_01_16).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2016, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-14 ta' Jannar 2016.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.
6. Approvazzjoni ta' Tenders MXR/005/2015 u MXR/004/2015.
7. Approvazzjoni tal-għażla għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.
8. Estimi Finanzjarji 2016.
9. Karnival fil-Munxar 2016.
10. Il-Laqgħa tal-Lokalità 2016.
11. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
12. Rapport tas-Sindku.
13. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
14. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
15. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti taż-żewġ laqgħat preċedenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 01/2016 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) 2014'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 02/2016 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Emendi Għall-Att dwar Kunsilli Lokali'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 03/2016 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja'.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Pulizija rigward il-laqgħa li ssir kull xahar għall-Kunsilli Lokali. Il-laqgħa ta' Diċembru 2015 ser issir fis-26 ta' Diċembru 2015, fl-Għassa tal-Pulizija, Victoria.

2.05 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tal-54 laqgħa tat-30 ta' Diċembru 2015 u l-Iskeda tal-Ħlasijiet Nru 38 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

2.06 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Mistoqsija Parlamentari numru 21913 rigward it-trasmissjoni *live* tal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali u r-*recording* tal-laqgħat li qegħdin ikunu *streamed* fuq l-*internet*.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Mistoqsija Parlamentari numru 21914 rigward ftehim dwar il-ġbir tal-iskart separat ma' xi kumpanija li mhijiex reġistrata bħala *waste scheme operator*.

2.08 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Mistoqsija Parlamentari numru 21919 rigward *wifi* fil-pjazez.

2.09 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Mistoqsija Parlamentari numru 21925 rigward permessi li nħarġu minn kull Kunsill Lokali minn meta daħal fis-seħħ it-tibdil fil-liġi sussidjarja 119 sal-aħħar ta' Diċembru 2015.

2.10 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Mistoqsija Parlamentari numru 21926 rigward is-*Sustainable Development Action Plan*.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitwassal invit mingħand il-Malta Philarmonic Orchestra dwar il-Kunċert tas-Sena l-Ġdida, fit-3 ta' Jannar 2016, f'Dar il-Mediterran għal Konferenzi.

2.12 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Mistoqsija Parlamentari numru 22720 rigward il-*Performance Bonus* li ngħata lis-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali għas-snin 2011 sa 2015.

2.13 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Mistoqsija Parlamentari numru 22152 rigward l-ilmenti lill-Kunsilli Lokali a tenur tar-Regolamenti li kienu saru fuq ilmenti li jistgħu jsiru lill-Kunsilli Lokali (S.L. 363.04) fis-snin 2014 u 2015.

2.14 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Mistoqsija Parlamentari numru 22734 rigward *Direct Orders* mill-Kunsilli Lokali mill-2010 sal-2015.

2.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva rigward il-'Proġett Be Active Għall-Anzjani'.

2.16 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari LCA Circ 08/2016 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward il-proġett 'Active Citizens for Active Climate Protection'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva proposta bl-isem ta' em citizen. Dan huwa proġett propost għar-Reġjun t'Għawdex sabiex isiru lezzjonijiet ta' *training* fl-IT. Il-parteċipanti ma humiex ser jintalbu li jħallsu iżda kull Kunsill t'Għawdex ser jintalab iħallas €300 u r-Reġjun €800. Ġie deċiż li l-Kunsill jara x'ser jagħmlu Kunsilli oħra.

3.02 Il-Kunsill irċieva talba għal *no objection* għall-proposta sabiex kamra żgħira fil-*Parking* tax-Xlendi li kienet tintuża mill-Bank APS titwaqqa' u ssir talba għall-*encroachment* biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.03 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ir-ristorant Tat-Talija fi Triq ir-Rabat għal *no objection* għall-proposta ta' bini ta' struttura għal fuq l-imwejjed u siġġijiet. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni, bil-kundizzjoni li l-*area* fejn ser titpoġġa t-tinda tkun quddiem il-proprjetà tal-applikant; għandu jitħalla passaġġ ta' 1.5m għall-pubbliku biex ikun jista' jgħaddi; u l-passaġġ li jitħalla għall-pubbliku ma jkollux tinda fuqu.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident fi Triq il-Kantra fejn qed jilmenta li l-bozza ġiet imdawra għal ġol-faċċata tiegħu. Dan l-ilment ġie rreferut lill-kuntrattur sabiex jirranġa s-sitwazzjoni.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Taqsima tal-Kultura rigward l-inizjattiva – Għawdex Fidi u Tradizzjoni fejn ser issir il-Via Sagra ħajja ġewwa Iċ-Ċittadella. Qegħdin jitolbu sabiex jekk irridu ninnominaw għaqda jew għaqdiet jew individwi li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet bħal dawn u li jkunu interessati li jagħtu s-sehem tagħhom f'din l-attività.

3.06 Il-Kunsill irċieva talba mingħand ir-Ristorant Seashells ta' Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi. Huwa qed jitlob *no objection* għall-proposta tiegħu sabiex ipoġġi mwejjed u umbrelli fuq il-bankina quddiem il-proprjetà tiegħu. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-UIF tal-MEPA fejn ġejna infurmati li ma jistgħux jiffinanzjaw l-għamara tat-triq li saret fix-Xlendi peress li dawn diġà twaħħlu. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Bord tal-UIF rigward din il-materja.

3.08 Il-Kunsill irċieva mingħand it-Taqsima tal-Kultura fejn qed isaqsu jekk il-Kunsill huwiex ser jorganizza Karnival u jekk iva, iridu d-dettalji sabiex jiġi inkluż fil-programm ma' attivitajiet oħra.

3.09 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill parti li tikkonċerna l-Kunsill mir-rapport tal-Awditur għas-sena 2014. Il-kummenti jirrigwardjaw l-*entries* fl-*accounting* fejn ħafna mill-*adjustments* saru meta kien qed isir l-*audit*.

## 4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.

4.01 Wara li ġiet emmendata l-iskeda ta' pagamenti numru 14/16(21_01_16), il-kontijiet ġew approvati. Din l-emmenda saret fuq kont li tressaq biex jitħallas P&J Debono Cons. Ltd għal €904.71 dwar supply ta' konkos għal rampi fi Triq Zgħawri. L-oġġezzjoni kienet dwar li dan ix-xogħol sar mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill, li sar fil-privat u mingħajr sorveljanza ta' Perit.

## 5.00 Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.

5.01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata minn Maria Masini, tfajla ta' 17-il sena fejn uriet ix-xewqa li tkun l-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ tal-lokalità tal-Munxar. Kien hemm qbil unanimu dwar din il-ħatra.

## 6.00 Approvazzjoni ta' Tenders MXR/005/2015 u MXR/004/2015.

6.01 L-offerta MXR/005/2015 kienet tirrigwardja l-kisi bil-pavimentar tal-kumplament tal-passaġġ tax-xtajta tax-Xlendi.
Intefgħu tliet offerti li huma:
1. Joe Cauchi - €25,947.32
2. Jason Gauci (*option* 1) - €12,362.86
   Jason Gauci (*option* 2) - €14,911.66
3. Joseph Mercieca - €25,506.76

Il-Bord ta' Evalwazzjoni ltaqa' fis-6 ta' Jannar 2016 u qed jirrakkomanda li l-offerta tingħata lil Jason Gauci (*option* 1) għall-ammont ta' €12,362.86 peress li hija l-orħos u skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba.
Il-Kunsill apporva ir-rapport tal-bord.

6.02 L-offerta MXR/004/2015 kienet tirrigwardja l-ġbir ta' skart domestiku fil-Munxar u Ix-Xlendi.
Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet fil-25 ta' Mejju 2015 u nstabu żewġ offerti:
1. Euro Clean Waste Services
2. KIP Gozo Ltd

L-orħos offerta ppreżentata minn Euro Clean Waste Services ma kellhiex il-*bid bond* b'ammont tajjeb hekk kif stipulat fir-regolamenti u għaldaqstant wara li ntalab parir mingħand l-avukat, l-offerta ta' din il-kumpanija ġiet skwalifikata. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lil KIP Gozo Ltd minħabba li kienet it-tieni l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet wara li dan għamel dikjarazzjoni li dik il-vettura li għadha ma għandhiex magna Euro4 ma hijiex ser tintuża ħlief f'każ ta' emerġenza.

## 7.00 Approvazzjoni tal-għażla għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv qara *e-mail* li rċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u r-risposta tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill intalab mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li għalissa din is-sejħa hija *on hold*. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kunsill japprova l-għażla li saret mill-bord hekk kif ikun hemm *clearance* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**8.00 Estimi Finanzjarji 2016.**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2016. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2016 għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se tkun ta' €223,061 u minn din is-somma hemm €94,078 li hija allokazzjoni għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €3,000 li minnhom hemm €1,500 mix-Xlendi. Dħul mix-Xlendi ser ikun hemm €2,750 mill-kera tal-*kiosk*. Emolumenti Personali għas-sena sħiħa ser ikunu €81,040 li minnhom hemm €34,847 għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Qed isir estimu ta' €146,588 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni fejn €62,972 ser jintefqu direttament fil-Bajja tax-Xlendi.

**9.00 Karnival fil-Munxar 2016.**

9.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-Karnival fil-Munxar. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill li għal din is-sena ma tantx huwa għaqli li jsir il-Karnival peress li meta kien qed isir ix-xogħol fil-Pjazza tal-Knisja, il-Kunsill iddeċieda li t-tieni fażi ssir kollha u minħabba raġuni ta' fondi xi attivitajiet ma jkunux jistgħu jsiru. Barra minn hekk, bħalissa s-Segretarju Eżekuttiv qed imexxi l-Kunsill waħdu u ma huwiex ser ikollu ħin biex jaħdem fuq attivitajiet. Għal din ir-raġuni s-Sindku ssuġġeriet li kull membru tal-Kunsill jgħin fl-organizzazzjoni tal-attività għaliex jekk ma jsirx ser ikun hemm tgergir. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li ma jistgħux isiru attivitajiet jekk ma jkunx hemm fondi biżżejjed. Ġie deċiż li l-Karnival għal din is-sena ma jsirx.

**10.00 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2016.**

10.01 Skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru XV tal-1993), ta' kull sena jridu jsiru żewġ laqgħat pubbliċi.
Ġie deċiż li l-laqgħa għall-persuni mill-Munxar li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar ser issir il-Ġimgħa, 26 ta' Frar 2016 fil-5 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar.
Il-laqgħa għall-persuni mir-raħal żgħir tax-Xlendi li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar ser issir il-Ġimgħa, 26 ta' Frar 2016, fis-6 ta' filgħaxija fil-Lukanda St. Patrick's, Ix-Xlendi.
Il-persuni kollha li jidhru fir-Reġistru Elettorali Lokali jistgħu jattendu għal din il-laqgħa u jipparteċipaw fid-diskussjoni. Waqt il-laqgħa jingħata rendikont tar-rapport tax-xogħlijiet li saru mill-Kunsill/Kumitat matul l-2015. Il-membri tal-pubbliku li jattendu l-laqgħa jistgħu jressqu s-suġġerimenti tagħhom.

**11.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

11.01 Bħalissa qed issir il-bankina fi Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi. Hekk kif din titlesta, il-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex ser jibdew il-bankina ta' Triq iż-Żirżieb.

11.02 Għadu kemm sar *patching* fit-tarmak tat-triq tax-Xlendi.

## 12.00 Rapport tas-Sindku.

12.01 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Inġinier Mario Galea sabiex jiżdiedu l-bozoz fil-Munxar u Ix-Xlendi. Il-Kunsill qed jingħata l-opportunità li jsiru sa 20 bozza ġdida u jiġu ffinanzjati mill-fond tal-EU. Il-ħlas lill-inġinier u jekk isiru xi arbli jridu jitħallsu mill-Kunsill.

12.02 Fil-Pjazza tal-Knisja tħawwlu s-siġar taż-Żebbuġ fl-4 *pots* li kienu saru.
Il-*party* tal-Milied tat-tfal sar, iżda ma kienx hemm attendenza bħas-soltu. Għaldaqstant, darb'oħra għandu jsir qabel il-ġurnata tal-Milied.
Iż-żjara tal-President saret fid-19 ta' Diċembru 2015 u ġiet ippreżentata bis-somma ta' €600.
Saret laqgħa mas-Sur Peter Bonello, Rappreżentant tal-Green MT. F'din il-laqgħa ġie diskuss dwar l-*Expression of Interest* MXR/001/2015 – *Offer for the Provision of Services in Relation to Collection of Recyclable/Packing Waste*. Il-proposta ġiet diskussa u ġie deċiż li għandu jitfassal programm u jiġi inkluż fil-kuntratt li ser isir għal sentejn. Is-Sindku ssuġġeriet li din il-proposta tintbagħat lill-membri tal-Kunsill sabiex fl-laqgħa oħra jiġi deċiż dan il-programm.
Saret laqgħa mar-rappreżentanta għal Għawdex tal-Valletta 18 dwar attivitajiet li jistgħu jsiru f'Għawdex u fil-lokalitajiet.

12.03 Is-Sindku fakkret lill-membri tal-Kunsill li nhar il-Ħadd li ġej ser issir il-*Play* 'Ilsien in-Nisa', fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar.

## 13.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.

13.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Assistent Uffiċjal Prinċipali se tieħu xi kura medika u ma huwiex ser ikun possibbli li tidħol għax-xogħol regolari. Għaldaqstant, issa l-Kunsill qed jitmexxa mis-Segretarju Eżekuttiv biss u żgur li ma huwiex ser ikun possibbli li l-uffiċċju tal-Kunsill jinfetaħ bħalma kien jinfetaħ għall-pubbliku bħal qabel. Huwa fakkar li barra l-Kunsill hemm ukoll il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, iridu jingħalqu l-proġetti tal-EU kollha li saru permezz ta' Miżura 313, Miżura 323, Miżura 313 it-tieni sejħa u Miżura 413.4 – *Landscaping*. F'dan iż-żmien tas-sena jridu jiġu ppreparati l-*Financial Statements* għas-sena 2015 u wara jiġu *audited*. Dan ix-xogħol huwa marbut b'*deadlines* stabbiliti mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll mill-*Paying Office* dwar Fondi tal-EU. Fejn il-Kunsill suppost qed jitmexxa minn Segretarju Eżekuttiv u żewġ skrivani, bħalissa qed jitmexxa biss mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 14.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

14.01 Is-Sinjorina Sonja Abela staqsiet dwar is-servizz ta' *warden* li kien jitqabbad mill-Kunsill sabiex jieħu ħsieb lit-tfal li jkunu deħlin u ħerġin miċ-Ċentru Parrokkjali. Is-Segretarju Eżekuttiv informaha li dan is-servizz ma huwiex jingħata minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv qed jagħmel xogħol ta' prijorità biss.

Is-Sinjorina Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill rigward id-dawl qawwi li ġej minn lampa mwaħħla mal-faċċata tad-dar tagħha viċin tal-veranda. Dan id-dawl

qed idejjaqha. L-inġinier intalab jagħmel *site inspection* dwar dan l-ilment u lmenti oħrajn.

14.02 Is-Sur Damien Spiteri reġa' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward dik il-lampa fi Triq il-Munxar fejn diġà spjega li d-dawl qawwi tal-lampa qed ikun ta' inkonvenjent lill-persuna residenti fil-post fejn il-lampa hija mwaħħla. L-inġinier intalab jagħmel *site inspection* dwar dan l-ilment u lmenti simili.

14.03 Is-Sur Paul Curmi informa lill-Kunsill li l-Pjazzetta ta' Triq San Pawl għandha bżonn it-tindif.
Il-*main* tal-ilma ta' Triq il-Munxar ma għandux pressa u l-ilma qed ikun kulur ta' sadid.
Il-bankina ta' Triq Kolaċi għandha bżonn titranġa minħabba li fiha ħafna ħaxix.

**15.00 Materji oħra.**

15.01 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi hemm xi apparat li ma jaħdimx u għaldaqstant irridu nġibu stimi sabiex jitranġa.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.25 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar 2016, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmen Said**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***